Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - *www.mgarrlc.com*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 85**

**Nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2019, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 85 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2019, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci – Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Hadd

**ASSENTI**
Mario Sammut - Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Wistin Vella
Tiziana Borg Busuttil
Odette Muscat

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:12pm.

ii. Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

v. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

85.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

85.3 Tmiem tal-Laqgħa u data għal-laqgħa li jmiss

**85.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

85.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva noti ta' apoloġija.

**85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

85.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

85.2.2 Hawnhekk, is-Sindku irringrazzja lil Eman Vella, lil Mario Sammut u lil Elia Borg tal-ħidma siewja tagħhom fil-Kunsill hekk kif ser ikun qed itemmu il-karigi tagħhom, u fl-istess waqt ta' merħba lil Wistin Vella, lil Tiziana Borg Busuttil u lil Odette Muscat li ser ikun qed jibdew il-ħidma tagħhom bħala Kunsilliera fit-Tmien Leġislatura tal-Kunsill.

**85.3 Tmiem tal-Laqgħa**

85.3.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-5:42pm.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***